

# FRENĊ TAL-GĦARB
## 50 Sena mill-Mewt Tiegħu

Maria Bajada

**It-twelid**

Fil-punent tal-gżira Għawdxija minn dejjem kien hemm komunità ċkejkna u ħelwa ta' nies li kienet tqatta' ħajjitha taħdem ir-raba' sabiex taqla' l-ħobżna ta' kuljum. Kienet ħajja mill-aktar sempliċi fejn in-nies kienu jgħixu f'għaqda flimkien minn tlugħ ix-xemx sa nżulha. Kien propju minn dan l-ambjent li Franġisku Saverju Mercieca, jew kif nafuh aħjar, Frenċ tal-Għarb twieled, ħamsin sena ilu. Frenċ tal-Għarb kien iben Salvu Mercieca u Beneditta mwielda wkoll Mercieca. Frenċ twieled nhar is-Sibt 3 ta' Diċembru 1892 u kien it-tmien wild minn familja ta' ħdax. Ġie mgħammed fil-knisja Kolleġġjata tal-Għarb mill-Arċipriet Franġisku Saverju Debrincat. Il-parrinijiet tiegħu kienu Ġużeppi Mercieca u Annunzjata Mizzi.

**Il-familja Mercieca, jew aħjar "tas-Sajf"**

Bħal kull familja oħra, il-familja Mercieca kellha l-laqam tagħha li kien dak "tas-Sajf". Infatti, in-nies tal-Għarb kienet issejjaħ lil Frenċ bħala "Frenċ tas-Sajf". Il-familja Mercieca kienet tospita qassis magħha d-dar peress li kienet tieħu ħsiebu. Dan il-qassis kien Dun Pawl Custò li baqa' jgħix mal-familja Mercieca sal-ġurnata li fiha miet, nhar l-10 ta' Marzu 1900. Kienet propju l-preżenza ta' dan il-qassis li lil Frenċ nibbtet fih ix-xewqa li jidħol is-Seminarju u jsir qassis, però il-familja tiegħu ma xtaqitx li jsir dan peress li lil Frenċ kienu jriduh jgħinhom fix-xogħol tar-raba'. L-għajxien kollu tal-familja Mercieca kien jiġi mix-xogħol tar-raba'. Infatti, Frenċ ftit li xejn kien imur skola biex jgħin lil missieru fix-xogħol tar-raba'. Minn kmieni filgħodu sa filgħaxija, lil Frenċ kont issibu ma' missieru fl-għalqa, tant li ommu kienet twasslilhom l-ikel sabiex ma jkollhomx għalfejn jitilqu x-xogħol minn idejhom biex imorru jieklu d-dar.



**Iż-żgħożija**

Frenċ kien żagħżugħ bħall-oħrajn. Kien imrobbi f'familja li kellha valuri nsara sodi, valuri li l-ġenituri Salvu u Beneditta rnexxielhom jgħaddu lill-uliedhom kollha. Kienu jgħixu ħajja iebsa imma feliċi. Sfortunatament, fis-sena 1917 miet missier Frenċ fl-età ta' 75 sena u tlieta mill-ulied ta' din il-familja wara li kienu mardu (bil-marda tal-grieżmejn.) Ħafna mill-ulied ta' din il-familja li baqgħu ħajjin kienu ffurmaw familji ġodda jew inkella emigraw. Madanakollu, Frenċ kien baqa' d-dar u issa kien safa' waħdu. Kienet għadha kif waslet fi tmiemha l-ewwel gwerra dinjija (1914-1918). Fis-sena 1919, il-familja Mercieca għal darb'oħra reġgħet laqgħet għandha qassis ieħor li kien safa' waħdu għax ma kellux lil min jieħu ħsiebu. Dan kien propju Dun Nazju Axiak li dak iż-żmien kien il-Prepostu tal-Kolleġġjata tal-Għarb. Dun Nazju Axiak dam jgħix mal-familja Mercieca sal-jum ta' mewtu fis-sena 1947. Beneditta, omm Frenċ, kienet mietet qabel, fis-sena 1926. Għalkemm qatt ma tħajjar jiżżewweġ, Frenċ kellu jagħmilha ta' missier wara l-mewt ta' ommu. Fis-sena 1932 mietet oħtu Karmena fl-età ta' 37 sena. Karmena kienet miżżewġa lil Fakond Camilleri u ħalliet warajha żewġ ulied; Salvu u Beneditt. Fakond kien sabha diffiċli biex irabbi lil dawn iż-żewġ ulied, u allura Frenċ kien iddeċieda li jilqagħhom ġewwa daru ħalli jieħu ħsiebhom u jgħinhom f'dak kollu li kien ikollhom bżonn. Infatti, meta dawn iddeċidew li jidħlu s-Seminarju biex jilħqu qassisin, Frenċ kien ħallsilhom il-flus meħtieġa. Eventwalment, Salvu u Beneditt ilkoll laħqu qassisin. Bla dubju ta' xejn, Frenċ kien ħassu ferħan ħafna u sodisfatt.

**Ħajja tassew qaddisa**

Frenċ kien tassew bniedem qaddis li jgħin lil min jista' u kif jista'. Spiss kien jiġbor xi żgħażagħ miegħu biex jgħidu r-rużarju flimkien. Ġieli wkoll kien jieħu t-tfal miegħu lejn Ta' Pinu għall-quddiesa. Frenċ kien ukoll jgħin fl-adorazzjoni perpetwa li kienet issir fil-knisja ta' Santa Marija fi pjazza Savina r-Rabat Għawdex billi kien jieħu ħsieb iqajjem lil min kien ikun imissu biex jagħmel l-adorazzjoni. Apparti din il-knisja, Frenċ kien jagħmel l-istess fi knejjes oħrajn, b'mod speċjali tul il-jiem tal-Kwaranturi solenni, Ħamis ix-Xirka, u xi festi Ewkaristiċi oħrajn. Kien jipprepara b'ruħu u b'ġismu għall-festa tal-Korpus billi kien iħejji t-triq bil-ħarrub sabiex il-purċissjoni bis-Sagrament tgħaddi minn fuqu. Apparti hekk, hu kien ħa ħsieb li jiġbor il-flus mingħand in-nies sabiex isir sett ta' statwi t'anġli tal-kartapesta sabiex ikomplu jżejnu din it-triq għall-festa tal-Korpus. Eventwalment, dan is-sett ta' 20 anġlu mill-isbaħ sar mill-istatwarju magħruf Wistin Camilleri u għadna ngawduh sal-ġurnata tal-lum fil-ġranet tal-festa tal-Viżitazzjoni. Frenċ kien jidħol għal bosta attivitajiet, bħal pereżempju xi ġbir jew inkella t-teatrin. Kien jinqala' ħafna għal fuq

il-palk, tant li xi nies kienu jistaqsu jekk Frenċ kienx ikun ser jieħu sehem qabel ma kienu jaqtgħu l-biljett. Apparti dan, kien jgħin ukoll lil xi nies fix-xogħol tal-għalqa u fil-ħlas tal-bhejjem. Frenċ kien membru attiv fi ħdan l-Azzjoni Kattolika tal-Għarb u kien devot ħafna lejn il-Madonna Ta' Pinu u l-Ewkaristija. Infatti, Frenċ kien juri li hu kien bniedem differenti mill-oħrajn. Kien beda jiġi mfittex għal xi pariri jew xi għajnuniet, saħansitra fejn jidħol iż-żwieġ u l-wirt. Bid-daqqa t'id li kien jagħti u bil-kelma li kien iwassal, magħġuna bil-ferħ u b'xi ċajta, Frenċ kien jirnexxielu jnissel tbissima fuq fomm bosta bnedmin li kienu jfittxu l-għajnuna tiegħu.

**Il-popolarità ta' Frenċ**

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, il-popolarità ta' Frenċ kienet dejjem tikber u tinxtered. Wara li kien jiġi mill-għalqa, spiss kien isib serbut twil ta' nies jistennewh wara l-bieb sabiex jieħdu xi parir mingħandu. Frenċ kien jikkombina l-għerf li kellu fuq il-ħxejjex mediċinali flimkien mat-talb lill-Madonna sabiex joffri l-fejqan li kienu jitolbuh in-nies. Kien juża diversi ħxejjex tar-raba' sabiex iħallat u jipprepara tipi differenti ta' duwa biex jagħtihom lin-nies għall-fejqan. Ir-reputazzjoni tajba tiegħu xterdet malajr ma' Malta u Għawdex kollu. Ta' spiss kien jantiċipa l-mistoqsijiet li l-nies kienu jkunu ser jistaqsuh u kien ikun jaf b'xi inċidenti jew għemejjel ħżiena passati tan-nies li kienu jiġu għandu. Kien hemm xi drabi fejn saħansitra hu bassar il-futur ta' xi nies. Frenċ kien dejjem iħeġġeġ għall-indiema u l-ħajja serena.

**Tabib tal-ġisem u r-ruħ**

Għalkemm Frenċ qatt ma studja l-mediċina u qatt ma ħadem f'ambjent mediku, hu kien ikkunsidrat minn ħafna nies Maltin u Għawdxin bħala 'tabib' tal-ġisem u tar-ruħ. Ħafna professjonisti fil-kamp mediku kienu xettiċi dwar il-prattika tiegħu. Infatti, nhar il-11 ta' Ġunju 1938 hu kien ġie mtella' l-qorti u akkużat bi prattika medika li ma kinitx awtorizzata. Għalkemm kien ġie misjub ħati, hu ma kien ġie mogħti l-ebda sentenza għax kellu kondotta nadifa. Madanakollu, kien beda jkollu l-għassa tal-pulizija. In-nies xorta baqgħu jfittxuh bħal qabel. Frenċ tal-Għarb kellu rispett kbir lejn Dun Ġorġ Preca, l-ewwel qaddis Malti u fundatur tal-Mużew, u huma kienu jafu lil xulxin sew. F'waħda mill-ftit mawriet li kien għamel lejn Malta, Frenċ kien iltaqa' ma Dun Ġorġ u kien akkumpanjah f'xi żjarat lil xi morda.

**Imħabba speċjali lejn il-Madonna u lejn Ta' Pinu**

Frenċ tal-Għarb kellu mħabba speċjali lejn il-Madonna, l-aktar lejn il-Madonna ta' Pinu. Spiss kien jikteb xi poeżija jew talba Marjana. Frenċ kellu wkoll imħabba lejn is-santwarju Ta' Pinu. Frenċ kien jaf sew lil Karmni Grima, dik li semgħet il-leħen tal-Madonna ġej mill-inkwatru. Kien jieħu ħsieb li x-xemgħa ta' quddiem l-inkwatru titulari ma tintefa' qatt. Barra minn hekk, kien ħa ħsieb jiġbor miegħu bosta rġiel ħalli jgħinu fil-bini tal-istess santwarju. Aktar tard, bis-saħħa ta' Frenċ saru wkoll bosta opri kbar f'dan is-santwarju. Tajjeb ngħidu li hu qatt ma kien jaċċetta l-flus u kien jordna biex dawn jingħataw bħala donazzjoni lil Ta' Pinu. Jekk kien jirċievi xi flus, hu kien jagħtihom donazzjoni lis-santwarju. Bis-saħħa tal-flus mogħtija lil Frenċ saru l-pulptu tal-irħam u l-inkwatri tal-mużajk li sal-lum għadhom iżejnu lil dan is-santwarju. Apparti Ta' Pinu, Frenċ kellu mħabba lejn l-Għolja t'Għammar, fejn kien iħobb iqatta' xi ħin jitlob. Fl-aħħar sitt snin ta' ħajtu, propju fl-1961, hu kien ħa ħsieb li ssir niċċa żgħira ddedikata lill-Madonna ta' Pinu fuq il-quċċata ta' din l-għolja. Il-ħsieb f'moħħ Frenċ kien li jkabbar id-devozzjoni lejn dan il-post għażiż. Infatti, fil-21 ta' Diċembru 1961 ġie mibni s-salib il-kbir li nsibu fuq l-istess għolja u li għadu hemm sal-lum. Minn dakinhar 'il quddiem, id-devozzjoni lejn dan il-post kibret sew, tant li bdew isiru pellegrinaġġi f'dan il-post li kienu jintemmu quddiem dan l-imsemmi salib. Sfortunatament, Frenċ mhux l-ewwel darba li sab xi projbizzjonijiet min-naħa tal-isqof ta' dak iż-żmien Mons. Ġużeppi Pace. Ix-xewqa aħħarija ta' Frenċ kienet li jsiru l-istatwi tal-istazzjonijiet tal-Via Sagra fuq din l-għolja. Dawn sfortunatament saru aktar tard wara l-mewt tiegħu.

**L-aħħar jiem**

Frenċ issa kien kiber sew fiż-żmien u lejn l-aħħar ta' ħajtu kien intlaqat minn xi mard. Ħajtu kienet waħda ta' tbatija għax apparti t-tbatija tiegħu, kien jaffaċċja t-tbatija tan-nies li magħhom kien jiltaqa'. Ħafna drabi ma kienx jorqod biżżejjed u ma kien jiekol kważi xejn, jew jekk kien jiekol, kien jagħmel dan bil-ħatfa. Fl-aħħar żmien kien spiċċa fis-sodda u spiss kien jisgħol u jaqta' nifsu, tant li ma kienx ikun jista' jitkellem ma' dawk li kienu baqgħu jiġu jżuruh. Kien spiċċa waħħal avviż mal-bieb ta' daru li ma kienx ser jibqa' jara nies minħabba saħħtu. Fl-14 ta' Mejju, hu kien ħa riħ u fis-17 ta' Mejju kien ħażin ħafna, tant li għamlulu l-Griżma tal-Morda. Ma kienx baqa' jitkellem, iżda minn taħt l-ilsien hu baqa' jlissen il-kelmiet: "Sliem għalik, Marija." Fl-aħħar waqtiet ta' ħajtu, Frenċ tefa' ħarstu fuq l-inkwatru tal-Madonna li kellu maġenb is-sodda. Frenċ ħa l-aħħar nifs ta' ħajtu nhar il-Ġimgħa 19 ta' Mejju 1967 fl-istess dar li fiha hu kien twieled. Il-ġurnali kollha u l-mezzi tax-xandir ta' dak iż-żmien ġabu l-aħbar tal-mewt tiegħu. L-għada, nhar is-Sibt 20 ta' Mejju 1967, saret il-quddiesa tal-funeral tiegħu fil-Kolleġġjata tal-Għarb. Ħafna kienu dawk in-nies li marru għal dan il-funeral u kulħadd kien kelma waħda: "Miet qaddis! Bħal Frenċ ma jkollniex ieħor!" Frenċ ġie midfun fiċ-ċimiterju parrokkjali taż-Żejt fil-qabar 70A.

**Tifkiriet dejjiema**

Nhar is-27 ta' Settembru 1992 il-fdalijiet tal-ġisem ta' Frenċ ġew spostati miċ-ċimiterju parrokkjali f'Taż-Żejt għas-santwarju Ta' Pinu u fid-9 t'Ottubru tal-istess sena, dawn il-fdalijiet ġew midfuna fil-kappella tal-preżentazzjoni ta' Ġesù fl-istess santwarju. Dawn il-fdalijiet jinsabu maġenb dawk ta' Mons. Ġużepp Portelli, saċerdot fost ħames aħwa saċerdoti li kien rettur tal-istess santwarju. Tajjeb insemmu li ġor-raħal tagħna hawn triq imsemmija għal Frenċ tal-Għarb, li hija propju dik li qabel konna nsejħulha Triq il-Blata. Fid-29 t'Awwissu 2003, ġie mikxuf monument li jfakkar lil Frenċ tal-Għarb fi pjazzetta l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Dan il-monument inħadem mill-iskultur Alfred Camilleri Cauchi u ġie fondut fil-bronż fil-funderija "Bonvicini" ġewwa Verona fl-Italja.

Għalkemm Frenċ miet, mijiet ta' persuni għadhom iżuru d-dar tiegħu li illum ġiet mibdula f'mużew sabiex jitolbuh xi grazzja partikulari. Fuq ix-xewqa ta' Frenċ, llum għadu jiġi reċitat ir-ružarju fil-festi ewlenin tal-Madonna fid-dar tiegħu. Fid-29 t'Awwissu 2015 inkixfet lapida tal-irħam fil-knisja tagħna ħdejn il-fonti tal-magħmudija li tfakkar il-magħmudija ta' Frenċ fl-istess fonti tal-knisja. Il-qdusija ta' Frenċ tal-Għarb hi xhieda li Alla jsejjaħ tassew lil kulħadd għal ħajja tajba. Fid-19 ta' Mejju li għadda ġie mfakkar il-50 anniversarju mill-mewt tiegħu permezz ta' quddiesa fil-Knisja parrokkjali tagħna akkumpanjata b' serata kommemorattiva.

Frenċ ma kienx xi qassis jew patri, iżda kien bniedem li għex il-problemi tad-dinja billi emmen bis-sħiħ f'Alla u frott t'hekk, hu għex ħajja mill-aktar qaddisa. Insibu għexieren t'esperjenzi differenti min-nies li xi darba jew oħra ltaqgħu ma' dan il-bniedem. Li kieku kellna niktbuhom kollha nispiċċaw nimlew volumi sħaħ. Fuq kollox, Frenċ tal-Għarb kien bniedem li permezz ta' qdusitu ta isem lilu nnifsu u lil raħal twelidu.

**Biblijografija**


- ALEXANDER BONNICI, *Frenċ ta' l-Għarb (1892-1967). Il-Bidwi li Stħajluh Tabib*, Għawdex 1985.
- TIMES OF MALTA, *Monument to Frenc ta' l-Gharb* (on-line) :http://www.timesofmalta.com/articles/view/20030914/gozo/monument-to-frenc-ta-l-gharb.141272 [30 April 2017].


Ħajr ukoll lil Maurice Cauchi u lil Sunta Apap ta' xi informazzjoni li għaddewli *għal dan l-artiklu.*








